MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru. 586/2000
Kawza Numru. 20

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Camilleri**

**vs**

**Silvio Templeman**
**Alexander Templeman**
**Rita Templeman**
**Trevor Francis Templeman**
**Kevin Templeman**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Silvio Templeman ta’ 46 sena, bin William u Iris nee’ Mazzitelli, mwieled l-Imsida fl-20 ta’ Gunju 1954 u residenti f’ “Ward u Zahar”, Triq Giovanni Papaffi, Ta’ Paris, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 497354(M) u l-imputat Alexander Templeman ta’ 40 sena, bin William u Iris nee’ Mazzitelli, mwieled San Giljan fit-30

ta' Ottubru 1959 u residenti f'Manoel Island, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 287760(M) u l-imputata Rita Templeman ta' 47 sena, mart Silvio u bint Joseph Borg u Josephine Galea, mwielda fil-11 ta' Awwissu 1953 u residenti f' "Ward u Zahar", Triq Giovanni Papaffi, Ta' Paris, Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita' numru 550153(M) u l-imputat Kevin Templeman ta' 23 sena, bin Silvio u Rita nee' Borg, mwieled Pieta fid-29 ta' Awwissu 1976 u residenti f' "Ward u Zahar", Triq Giovanni Papaffi, Ta' Paris, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 0477076(M) u l-imputat Trevor Francis Templeman ta' 18-il sena, bin Silvio u Rita nee' Borg, mwieled Pieta fil-25 ta' Novembru 1981 u residenti f' "Ward u Zahar", Triq Giovanni Papaffi, Ta' Paris, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 11182(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F' Tax-Xbiex, fil-lejl ta' bejn is-16 u is-17 t'Awwissu 2000:

a) Permezz ta' armi regolari, inkella bi strumenti li jaqtghu u jniggsu, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' feriti gravi fuq PS 441 Louis Micallef, persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, illi ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq PS 441 Louis Micallef.

b) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza pubblika ikkagunaw feriti gravi fuq PS 441 Louis Micallef u feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna PC 442 Nicholas Spiteri, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

c) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' armi regolari, inkella bi strumenti li jaqtghu u jniggsu , minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' feriti gravi fuq il-persuni ta' Girolamo Agati (snr), Alessandro Agati,

Girolamo Agati (Jnr), Ruggiero Agati, Olindo Agati, Sergio Ceronella u Elenia Massia wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

d) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta’ armi regolari, inkella bi strumenti li jaqtghu u jniggsu, ikkagunaw feriti gravi fuq PS 441 Louis Micallef, persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li li jinfluwixxu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

e) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta’ armi regolari, inkella bi strumenti li jaqtghu u jniggsu, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta’ Girolamo Agati (snr), Alessandro Agati, Girolamo Agati (Jnr), Ruggiero Agati u Sergio Ceronella;

f) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi garrew jew zammew armi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi, kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

h) Fl-istess lejl, lok hin u cirkostanzi, volontarjament, kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

i) Fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ PS 441 Louis Micallef u PC 442 Nicholas Spiteri, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixxklu lil dawn waqt li kienu qed jaghmlu dawn id-dmir taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahlu fid-dmirijiet ta’ PS 441 u PC442, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi;

j) Fl-istess lejl, lok , hin u cirkostanzi, waqt l-ghemil ta' delitt kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuna taghhom, armi propja;

k) Lil Alexander Templeman wahdu talli huwa sar recediv wara li gie ikkundannat ghal reati b'sentenzi tas-16/8/95 u dik moghtija fil-31/07/98 li saru definittivi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' April 2005 (esebita a fol. 423 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIL-KONFRONT TA' SILVIO TEMPLEMAN, RITA TEMPLEMAN, KEVIN TEMPLEMAN, TREVOR FRANCIS TEMPLEMAN :

(a) Fl-artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 96, 97 u 98 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikoli 41(1) (a), 214, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali;
(h) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
(i) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(j) Fl-artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

FIL-KONFRONT TA' ALEXANDER TEMPLEMAN TEMPLEMAN

a) Fl-artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali;
b) Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
c) Fl-artikolu 96, 97 u 98 tal-Kodici Kriminali;
d) Fl-artikoli 41(1) (a), 214, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali;
e) Fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
f) Fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali;
h) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
i) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;

j) Fl-artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-ligijiet ta’ Malta;
k) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;
l) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Rat li mill-verbal tal-udjenza tal-4 ta’ Gunju 2001 jirizulta li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li l-imputat Alexander Templeman miet fil-mori tal-proceduri odjerni izda l-Prosekuzjoni baqghet qatt ma produciet ic-certifikat tal-mewt relattiv.

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ April 2005, l-imputati ddikjaraw li huma m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-16 ta’ Awissu 2000 ghall-habta tal-11.00pm dahal rapport fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema li fil-gnien ta’ hdejn Manoel Island, il-Gzira kienet inqalghet glieda bejn grupp Taljani u grupp Maltin. Meta PS441 Louis Micallef u PC442 Nicholas Spiteri marru fuq il-post huma sabu kollox kwiet izda meta kienu qed jallontanaw ruhhom minn fuq il-post bil-vettura taghhom gew imwaqqfa minn vettura misjuqa mill-imputat Trevor Templeman li qalilhom li ftit tal-hin qabel kien inqala’ ncident bejnu u bejn guvni Taljan li kien akkompanjat minn mara, u li wara rrizulta li kien certu Alessandro Agati, dwar l-uzu ta’ telephone box. Trevor Templeman spjega lil Pulizija li waqt li huwa kien qed juza it-telephone box qed jitkellem mat-tfajla dan il-guvni Taljan beda’ jhabbat mal-perspex tat-telelphone box u jghidlu sabiex jghaggel u mbaghad wara li huwa hareg u qallu li kien ser idum u li huwa seta’ jmur juza telephone box ohra li kien hemm fil-vicin, it-Taljan gibdu l-barra mit-telephone box u aggredih u sussegwentement gew xi

Taljani ohra li wkoll agredewh, hadulu l-jack mill-karozza u ramew l-istess jack il-bahar. Waqt li l-wiehed mill-Pulizija kien qed ikellem lill-imputat Trevor Templeman u l-iehor kien qed ikellem lil grupp tat-Taljani waslet fuq il-post vettura fejn kienu rekbin l-imputati l-ohra u nqalghet rissa bejn iz-zewg gruppi, u cioe' il-grupp tal-familja Templeman u l-grupp tat-Taljani u fejn spiccaw sabiex kien hemm nies feruti miz-zewg nahat u fejn spicca ferut ukoll PC 441 Louis Micallef.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti dwar dak li effettivament gara waqt ir-rissa li nqalghet fuq haga zghira li mbaghad spiccat sabiex eskalat f'haga kbira, u cioe' hemm il-verzjoni moghtija mill-familja ta' Alessandro Agati fejn dawn sostnew li gew aggrediti mill-familja Templeman u min-naha l-ohra hemm il-verzjoni tal-familja Templeman li jsostnu li huma gew aggrediti mill-familja Agati. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa z-zewg verzjonijiet jidrilha li l-kunflitt huwa tali li ma tistghax tikkonkludi min miz-zewg nahat qed jghid il-verita'. Il-Qorti thoss li ma tistghax la temmen lil naha u l-anqas lill-ohra. L-unika zewg verzjonijiet indipendenti dwar x'seta' gara waqt ir-rissa huma dawk moghtija minn PS 441 Louis Micallef li xehed waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju 2001 u dik ta' PC 442 Nicholas Spiteri li wkoll xehed waqt l-istess udjenza. Dawn it-tnejn qalu li z-zewg nahat kienu nvoluti fir-rissa izda ma tefghux dawl dwar min agredixxa lil min. Inoltre PS 441 Louis Micallef ma kienx f'posizzjoni jghid min tah id-daqqa f'rasu, huwa jindika biss li Silvio Templeman xejjer xi haga li kellu f'idejh fid-direzzjoni tieghu izda mbaghad jispecifika li hass daqqa fuq rasu li giet minn warajh. Fir-rigward tal-griehi ta' natura gravi allegatament sofferti minn PS 441 la gie prodott certifikat mediku rigwardanti il-griehi minnu sofferti u l-anqas gew prodotti bhala xhieda it-tobba li ezaminaw u kkuraw lil PS 441. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ebda wahda mill-akkuzi rigwardanti il-griehi sofferti minn PS 441 ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputati.

L-imputati jinsabu wkoll akkuzati li kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Alessandro, Girolamo u Ruggero Agati u Sergio Ceronella izda anki f’dan il-kaz ma gie prodott ebda certifikat mediku li jirrigwarda il-griehi allegatament sofferti mill-imsemmija persuni. Apparti kollox kif diga’ ntqal fil-paragrafu precedenti ma ngabitx il-prova lil hinn minn kul dubju dettat mir-raguni dwar min effettivament seta’ ikkawza l-imsemmija griehi u fi kwalunkwe kaz l-imputati qed jitqiesu li pruvaw sal-grad tal-probabbli li huma gew aggrediti u li agew sabiex jiddefendu lilhom infushom. Irid jinghad li mill-provi jirrizulta biss li kienu l-imputati Trevor u Kevin Templeman li sofrew griehi ta’ natura hafifa (ara f’dan ir-rigward ir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri).

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidrilha li l-unika akkuza li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi hija dik immarkata bhala (f) u dan fil-konfronti tal-imputat Trevor Templeman biss stante li PC 442 xehed li huwa ra lill-imputat Trevor Templeman johrog zewgt iskieken mill-vettura anki jekk ma jindikax liema vettura. Mix-xhieda tal-Ispettur Peter Paul Zammit imbaghad jirrizulta li ebda wiehed mill-imputati ma kellu licenzja sabiex igorr armi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Silvio Templeman, Kevin Templeman u Rita Templeman mhux hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikolu 31A tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Trevor Templeman hati tal-akkuza mmarkata bhala (f) u tikkundannah multa ta mitejn Ewro (€200). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Trevor Templeman mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

In vista tal-fatt li l-imputat Alexander Templeman miet fil-mori tal-proceduri odjerni l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-akkuzi addebitati lil Alexander Templeman u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------